MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 11/2010

**Francis Caruana**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Mejju, 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datata 5 ta' Awissu 2009.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell.
>
> Ra r-Risposta tad-Direttur datata 28 ta' April 2010 flimkien mad-dokumenti kollha li gew esebiti.

Sema’ x-xhieda ta' l-appellant.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fil-5 ta' Awissu 2009, id-Direttur tas-Sigurta` Socjali ddecieda illi l-appellant ma kienx aktar intitolat ghall-Ghajnuna ghall-Qaghad peress illi l-appellant kien cahhad lilu nnifsu mill-kapital tieghu sabiex jikkwalifika ghal tali Ghajnuna.

Peress illi jirrizulta b'mod car li l-appellant iddispona u cahhad lilu nnifsu mill-kapital li kellu bil-valur ta' madwar €69,000, minghajr ma avza lid-Dipartiment kif kien obbligat li jaghmel, u dana x'aktarx sabiex jikkwalifika ghall-Ghajnuna Socjali, id-decizjoni tad-Direttur ittiehdet skond il-ligi u timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata qed tigi konfermata.”

L-aggravju ta’ Francis Caruana fil-kontestazzjoni ta’ din is-sentenza huwa fis-sens illi l-Arbitru ghamel apprezzament zbaljat tal-ligi billi l-fatti ma kellhomx iwasslu biex jigi deciz illi hu cahhad lilu nnifsu mill-kapital li kellu biex jissokta jircievi l-ghajnuna socjali;

L-atti ewlenin tal-kaz juru illi fl-10 ta’ Marzu 1003 l-appellanti applika ghal ghajnuna ghad-Dizimpjieg. Fil-formula ta’ l-applikazzjoni huwa ddikjara li kellu bi proprjeta d-dar ta’ residenza f’San Gwann. F’dan l-istess fond kienet tabita wkoll ohtu li kellha mpjieg fiss. B’kuntratt tal-25 ta’ Marzu, 2004, atti Nutar Clyde La Rosa, l-appellanti ddona l-fond lil ohtu, b’dan li rrizerva favur tieghu d-dritt ta’ abitazzjoni. Ghal fini ta’ dak il-kuntratt il-fond donat gie stmat tletin elf lira (Lm30,000);

B'ittra tal-5 ta' Awissu 2009 id-Direttur appellat baghat javza lill-appellanti illi kien qed jiccassalu dik l-ghajnuna ghar-raguni li ma kienx sodisfatt illi l-appellanti ma cahhadx lilu nnifsu minn dak ir-rizors kapitali li kellu biex jikkwalifika ghal dik l-ghajnuna. L-appellanti hassu aggravat b'din id-decizjoni u interpona appell lill-Arbitru. Kif ukoll ikkonfermat minnu fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-Arbitru, huwa jikkontendi illi kien ghamel dik id-donazzjoni minhabba li kellu l-vizzju tal-loghob. L-Arbitru ghamel tieghu d-decizjoni tad-Direttur u ghadda biex cahad l-appell devolut lilu;

Hu l-assunt baziku ta' l-appellanti illi:-

i. It-trasferiment li ghamel lil ohtu kien purament ghal raguni umanitarja, fl-interess komuni tieghu u ta' ohtu;

ii. La darba hu kien iddikjara li kellu dak il-fond residenzjali meta applika ghall-Ghajnuna ghall-Qghad ma kienx jaghmel sens illi ghax ghamel dak it-trasferiment u ma baqax il-proprjetarju huwa nkassa xi introjtu minnu;

iii. Id-Direttur appellat seta' kien a konoxxenza tad-donazzjoni li ghamel ghaliex il-kuntratt hu wiehed pubbliku u kien hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-assunt ta' l-appellanti jikkontjeni, mill-ottika tal-ligi tas-Sigurta` Socjali, spropozitu ta' certa dimensjoni. Dan kif ahjar spjegat fil-konsiderandi li ser isegwu:-

1. Fl-ewwel lok kellu jkun sew maghruf minnu skond id-Dikajrazzjoni minnu sottoskritta fil-formula ta' l-applikazzjoni illi hu kellu b'dover jgharraf lid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali b'kull ghamla ta' tibdil tac-cirkustanzi kif dikjarati minn fuq dik il-formula. Hekk, allura, kien inkombenti fuqu li jgharraf lid-Dipartiment bid-donazzjoni tal-fond residenzjali lil ohtu li kien sehh fl-2004;

2. Ammess u accettat illi l-elementi essenzjali tad-donazzjoni huma l-ispontanjeta` u l-liberalita` ta' l-att

da parti tad-donanti (ara "**Gregorio Bugelli *et* -vs- Salvatore Gatt**", Prim' Awla, Qorti Civili, 2 ta' Mejju 1928), jibqa' l-fatt illi fil-kategorija ta' l-atti ta' liberazzjoni jidhlu dawk l-atti li jiddeterminaw, b'mod dirett jew indirett, rizultat ekonomiku ghal vantagg tal-beneficjarju, ossija arrikkiment minghajr korrispettiv mitwieled mill-*animus donandi*. Dan l-animu ta' liberalita` jibqa' jvigi sakemm ma jigix xort'ohra muri illi kien kaz ta' donazzjoni rimuneratorja ghal xi servizz ricevut u li kien jisthoqqlu jigi kkompensat;

3. Dan ta' l-ahhar mhux il-kaz hawnhekk ghaliex l-appellanti ma kellu xejn x'jizdebita ghaf-favur ohtu. Hu nnifsu jikkonfessa illi dik id-donazzjoni ghamilha biex jovvja ghall-vizzju tal-loghob li kellu. Dan kien l-oggett uniku ta' l-intent tieghu *qua* donanti;

4. Imprexxindibilment, imbaghad, minn dan il-motiv partikolari li akkompanja dik id-donazzjoni jibqa' l-fatt illi, ankorke bi spirtu ta' liberalita`, huwa volontarjament iddispona minn hwejgu u ghadda vantagg ekonomiku lil ohtu ta' certa entita` rilevanti;

5. Kif gja fl-imghoddi kellha okkazjoni din il-Qorti tirrileva f'xi sentenzi taghha, trattasi wkoll ta' kazijiet ta' donazzjoni, "mhux konsentit lil hadd illi taht skuza jew ohra jqieghed ruhu f'sitwazzjoni, anke kieku stess mhux semplicement simulata, ta' minorata solvibilita apparenti biex minn fuq jippretendi b'jedd l-ezercizzju tad-drittijiet favur tieghu bis-semplici invokazzjoni tal-ligi li turi x'inhi l-istrada li kellha tiggwida lil min kellu jipprestalu l-beneficcju. Din certament mhix imgieba ta' *bonus paterfamilias* li hu kellu maggorment ihares u josserva gjaladarba f'dawn id-dati kazijiet hemm involut l-interess tal-komunita in generali u ta' dawk kollha fis-socjeta` li jgorru fuq spallejhom il-pizijiet tat-taxxi u tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurta socjali". Ara "**Anthony Chetcuti *et* -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 19 ta' Mejju, 2004 u "**Mary Borg -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 23 ta' Frar, 2005, fost ohrajn.

Ghal konsiderazzjonijiet kollha premessi din il-Qorti qeghda tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata ta’ l-Arbitru, bl-ispejjez jibqghu fic-cirkostanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------